MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 58/2003/1

**Pinu Attard**

**vs**

**Carmel Tabone**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Dicembru 2003, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-attur ha xi makkinarju specifikament 'compactor' ghat-tiswija ghand il-konvenut, li accetta li jsewwi dan il-compactor, ghal liema tiswijiet il-konvenut thallas is-somma ta' hamsa u sittin Liri Maltin (Lm65).

U peress illi l-konvenut mhux talli ma sewwiex sewwa dan il-compactor, izda talli irrendieh difettuz, b'mod li kkaguna aktar danni fih. B'mod illi l-attur kellu jsewwieh ghand haddiehor u nefaq is-somma ta' mija u hdax il-lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm111.74).

U peress illi l-attur irid jigi rimborzat bis-somma mhallsa lil konvenut kif ukoll jigi mhallas ghad-danni sofferti minnu.

U peress illi dan ir-rimbors flimkien ma' dawn id-danni jammontaw globalment kif fuq mfissra jammontaw globalment ghas-somma ta' mija u sitta u sebghin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm176.74).

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li:**

1. Jhallas lill-attur is-somma ta' mija u sitta u sebghin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm 176.74) kif fuq dovuti.

2. Jhallas l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja spedita fis-7 ta' Frar 2003 u ta' l-ittra ufficcjali ta' Marzu 2003. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi l-esponenti qatt ma wettaq xi tiswijiet fuq xi makkinarju tal-attur fis-sena 2001, u aktar u aktar ma wettaqx xi tiswijiet mhux skond l-arti u s-sengha jew irrenda tali makkinarju difettuz; u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur ghaliex infondati fid-dritt u fil-fatt;

Illi l-ahhar okkazzjoni illi fiha l-esponenti ghamel xi xoghol fl-interess tal-attur kienet fl-1999, u ghalhekk, jekk l-attur qed jirreferi ghal dik l-okkazzjoni, kwalsiasi dritt jew

pretensjoni huma inoltre illum kolpiti bil-prekrizzjoni ta' sentejn ai termini 2153 tal-Kodici Civili;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi l-esponenti ikkaguna xi danni lill-attur; kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili, li hija preskrizzjoni ta' sentejn, dan il-perjodu mhux applikabbli ghall-kaz prezenti fejn si tratta ta' nuqqas ta' adempjenza ta' obbligu kuntrattwali filwaqt illi l-imsemmi artiklu skond gurisprudenza kostanti u pacifika japplika ghal danni *ex delicto* jew *quasi-delicto* (*culpa aquiliana)*[1] u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghdha tigi michuda;

**Dwar il-mertu, *ex admissis* ix-xoghol in kawza kien l-uniku xoghol li qatt ghamel ghand il-konvenut, li esebixxa *animo ritirandi* kopja tal-*cash sale* relattiva datata 17/11/99. Ghalhekk ix-xoghol sar sahansitra qabel dik id-data, u mhux f'Dicembru 2001 kif allega l-attur. Skond il-konvenut, il-hsara zviluppat bejn Jannar u Frar 2002 u cioe' iktar minn tlett snin wara, f'liema okkazjoni hadu ghat-tiswija ghand ix-xhud Ronnie Mizzi. Lil dan qallu li kien ghadu kemm irrangah (fol 26). Mizzi xehed li parti mis-silicone bejn ic-cilindru u l-crank case kienet ghadet ma nixfitx (fol 28) u dan juri li kien ghadu kemm sar xoghol fuqhom ftit sighat u l-iktar ftit granet qabel – xoghol li certament ma kienx ghamlu l-konvenut.**

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba billi din

---

[1] ara per ezempju Andrew Briffa et vs Leonard Caruana – Prim'Awla 30.07.1979; Joseph Micallef noe vs Carmelo Cassar – Qorti tal-Appell 27.04.1953 Vol XXXVII.i.140; Mary Xuereb vs Nutar Emmaneule Agius Prim'Awla XLIII.ii.789 fost hafna ohrajn.

ma gietx sodisfacentement ippruvata. Spejjez tal-istanti 1/5 ghall-konvenut billi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret bla ebda bazi u 4/5 a kariku tal-attur."

Minn din is-sentenza appella l-attur li talab ir-revoka taghha. L-aggravju ewlieni tieghu hu msejjes fuq il-konsiderazzjoni illi t-Tribunal b' mod serju mar kontra l-ekwita`. Huwa jilmenta li l-prova li fuqha strah it-Tribunal kienet dubbjuza, inkonklusiva u inefficjenti. F' dan il-kuntest hu jirreferi ghall-prova ta' l-*invoice/cash sale* tas-17 ta' Novembru 1999 li hu jqisha suspettuza u, allura, fil-fehma tieghu kellha tigi skartata;

Il-konvenut appellat jirrinfaccjah bl-irritwalita` u nullita` ta' l-appell in kwantu l-meritu ma kienx jizboq l-ammont ta' hames mitt lira (Lm500);

Jibda biex jigi precizat illi fit-termini tal-Kapitolu 380 appell lil din il-Qorti huwa konsentit mhux biss fil-parametri tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 8 introdott bl-Att XXXI ta' l-2002 u li ddahhal fis-sehh bl-Avviz Legali 161 ta' l-2003, izda wkoll fit-termini tas-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu 8. Li jfisser li l-pregudizzjali sollevata bazata fuq dik ir-raguni ma tregix. Dan ghaliex hu provvdut mil-ligi illi, "<u>indipendentement mill-ammont tat-talba</u>" huwa konsentit appell fl-ipotesijiet elenkati fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 8. Senjatament is-subparagrafu (d) tieghu li jipprovdi ghad-dritt ta' appell "meta t-Tribunal ikun b' mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella". Jidher li l-aggravju ta' l-appellant hu arginat fuq ir-raguni illi t-Tribunal ivvjolalu dan id-dritt ekwitattiv;

Jokkorri ghalhekk li din il-Qorti tezamina l-atti, is-sentenza appellata u l-aggravju interpost biex tara jekk dak lamentat mill-appellant jinsabx sew sorrett. Dan anke ghaliex skond ir-regoli ta' l-1995 dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, fis-smiegh ta' l-appell, din il-Qorti hi marbuta li tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-Att principali

[Regolament 14 (3) ta' l-Avviz Legali 145 ta' l-1995]. Li jfisser li mhux konsentit lil din il-Qorti li tikkunsidra u tiddeciedi appelli li jkunu bazati fuq aggravji li ma jinkwadrawx ruhhom fis-subinciz (2) – u b' zieda llum tas-subinciz (3) – ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995. Ara "**Gasan Insurance Agency Limited -vs- The Cargo Handling Co. Ltd**", Appell, 13 ta' Jannar 1999;

Tajjeb li jigi registrat illi biex tqis ammissibbli l-appell fuq il-bazi dedotta l-Qorti jkollha tiddetermina jekk l-aggravju kienx tabilhaqq jikkontesta l-gudizzju tat-Tribunal mil-lat ekwitattiv;

Mill-kontenut ta' l-aggravju, kif sottomess, il-Qorti tifhem li dak li verament qed jimpunja l-appellanti huwa l-fatt li t-Tribunal akkorda wisq importanza lill-prova tal-*cash sale* relattiva tas-17 ta' Novembru 1999. Ri-ezami akkurat tal-provi ma jwassalx lil din il-Qorti biex ticcensura l-motivazzjoni tat-Tribunal fuq dik il-bazi. Sufficit li jigu senjalati dawn il-fatti l-ohra korroborattivi li ma jistghux, fil-fehma ta' din il-Qorti, hlief iwasslu biex isostnu l-versjoni tal-konvenut appellat u l-prova maghmula minnu bl-esebizzjoni tad-dokument tal-*cash sale*:

(1) Bl-Affidavit tieghu (fol. 11) l-attur jghid li l-*compactor* ma kienx qed jahdem sew f' Dicembru 2001 u ghalhekk f' dan l-istess zmien hadu ghand il-konvenut ghat-tiswija;

(2) Invece skond Mark Agius (fol. 40) iz-zmien li gie riskontrat malfunzjonament f' dan il-*compactor* kien ghall-ahhar ta' Marzu u l-bidu t' April 2001. Huwa jispjega dan ghaliex f' Mejju 2001 spicca mill-impjieg minn ma' l-attur. Li jfisser li, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur fl-Affidavit tieghu, dan il-haddiem ma setax kien ghadu fl-impjieg tieghu fuq il-lant tax-xoghol bejn Jannar u Frar 2002 meta, skond hu, il-*compactor* beda jaghmel "hafna hsejjes u qisu jehel u jislowja";

(3) Skond Ronnie Mizzi, inkarigat ukoll mit-tiswijiet fuq inkarigu ta’ l-attur, il-*compactor* kien ilu ghandu bejn hdax-il xahar u sena u diga` msewwi qabel ma hareg l-*invoice* tieghu fis-16 ta’ Frar 2002 (fol. 34) li eventwalment thallset fit-30 ta’ Novembru 2002. Dippju dan ix-xhud jispjega li hu nnota li l-*instant gasket* li hu forma ta’ *silicone* li jintuza bejn ic-cilindru u l-*crunk case* biex jaghqad kien ghadu frisk. Huwa eskluda li biex jinxef is-*silicone* jiehu xhur (fol. 28);

Ragonevolment, minn dan premess, it-Tribunal sewwa rrileva illi x-xoghol difettuz ta’ riparazzjoni ma setax ikun li sar mill-konvenut u allura kien logiku ghat-Tribunal illi huwa jaccetta bhala difiza plawsibbli u verosimili il-*cash sale* datata 17 ta’ Novembru 1999 bhala d-data li fiha l-konvenut kien ghamel tiswijiet. Kien ukoll korrett it-Tribunal fuq ir-rizultanzi istruttorji jassumi illi bejn din l-ahhar imsemmija data u d-data ta’ Marzu 2001, meta l-*compactor* ittiehed ghand Ronnie Mizzi kienu saru xoghlijiet ohra fuq l-istess ingenji li fihom il-konvenut ma kienx ko-involt;

Huwa desumibbli ghalhekk minn dawn il-konsiderazzjonijiet illi t-Tribunal sab li l-versjoni tal-konvenut appellat kienet, fic-cirkostanzi tal-kaz, aktar attendibbli u accettata bhala provanti l-legittimita u l-fondament tad-difiza tieghu fil-meritu, skartata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata;

L-appell ghalhekk ma jistax jigi sostenut ghaliex din il-Qorti ma ssibx li saret ebda lezjoni tad-dritt ekwitattiv li b’ xi mod ippregudika l-jeddijiet ta’ l-appellanti. Fil-verita, korrettement konsiderata, id-decizjoni tat-Tribunal kienet bazata unikament fuq valutazzjoni tal-provi u xejn aktar. L-aggravju ta’ l-appellanti ghalhekk ma jisthoqqlux li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell ta’ l-attur appellanti u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-istess appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------